MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 34/2015

**G&E Brother li b'digriet tad-19 ta' Frar, 2015 giet tinqara**
**Sharon Seychell**
**ID. 285579M**

**Vs**

**C&C Express Limited u**
**Elmo Insurance Limited (C 3500)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Jannar, 2015 fejn l-attrici talbet:

1. Illi r-rikorrenti nkarigaw lis-socjeta' konvenuta C&C Express Limited li jippresta servizzi ta' courier sabiex tibghat parti minn 'laser machine' gewwa ir-Renju Unit, lill-kumapnija Laser Help;

2. Illi r-rikorrenti talbu wkoll lis-socjeta' konvenuta sabiex tali parti minn 'laser machine' tkun assikurata, u effettivament inharget polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited;
3. Illi r-rikorrenti gew infurmati mill-kumpanija Ingliza Laser Help li l-konsenja u cioe' il-parti tal-'laser machine' kienet waslet imkissra, u dan meta tali parti kienet fi stat tajjeb meta kienet telqghet minn Malta u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;
4. Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu d-danni rapprezentanti l-valur tal-oggett ossia l-parti tal-'laser machine' iddanneggjata u l-ispejjez kollha inkorsi, izda dawn baqghu inadempjanti;
5. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti ma kellhom ebda alternattiva ohra ghajr li jibdew dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent l-ammont ta' elf ewro (€1,000) rapprezentanti l-parti tal-'laser machine' ddanneggjata oltre l-ispejjez inkorsi sia dawk ta' 'courier service' u sia dawk legali u guddizzjarji.

Bl-ispejjez, inkluz tal-Ittra Ufficjali imsemmija, u bl-imghaxijiet legali mil-ewwel ittra gudizzjarja sad-data tal-pagament effettiv, b'dana li l-konvenuti huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Is-socjeta' C&C Express Limited ipprezentat risposta fil-11 ta' Frar, 2015 fejn eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Illi in linea preliminari l-esponenti teccepixxi li t-talba attriic hija nulla u bla effett a tenur tal-artikolu 780 tal-Kap. 12 billi l-attur G&E Brothers m'ghandu l-ebda personalita' guridika;

Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, is-socjeta' esponenti m'hijiex responsabbli ghal ebda dannu li allegatament gie soffert billi s-socjeta' esponenti kkonnsennjat il-merkanzija in kwistjoni fl-istess stat li rceviethom

hi. Jekk kien hemm hsarat fil-merkanzija dawn ma sehhewx meta kienet fil-kustodja tal-esponenti;

Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-esponenti ma tirrispondix ghall-hsarat ikkagunati minhabba nuqqasijiet fl-ippakjar tal-merkanzija min naha tal-ispeditur;

Illi di piu' u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, trid tingieb prova tal-quantum tad-dannu allegatament soffert mill-attur;

Illi fl-ahhar lok I minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-attur naqas milli jottempra ruhu mal-ftehim ghall-gar tal-merkanzija, senjatament il-klawsola 18 tat-termini u kundizzjonijiet pattwiti u ghalhekk il-pretensjonijiet tieghu qieghdin jigu respeinti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt jekk ikun il-kaz;

Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal ma' jilqax it-talba, bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

Is-socjeta' Elmo Insurance Limited ipprezentat risposta fit-3 ta' Frar, 2015 fejn eccepiet illi l-esponenti Elmo Insurance Limited m'ghandhomx ihallsu ebda danni lir-rikorrenti u dan stante li ma kienx hemm koppertura assigurattiva f'dan il-kaz.

Bl-ispejjez.

L-attrici spjegat illi kellha parti minn mangna li kellha bzon tibghatha barra minn bMalta minhabba li kellha hsara fis-sahha tal-laser. Peress illi kellha bzonn tibghata barra hija avvicinat lis-socjeta' konvenuta C&C Express Ltd sabiex tiehu hsieb il-garr ta' din il-parti minn magna. Talbithom ukoll sabiex ikollha insurance halli jekk din il-parti tal-magna tigrilha x hsara fit-tragit hi tkun koperta.

Is-socjeta' konvenuta offrietilha insurance that Clause C total loss ghas-somma inxurjata ta' disa' mija disgha u disghin ewro (€999) mal-Insurance Elmo.

Is-socjeta' konvenuta C&C Express Ltd tghid ill l-attrici kienet infurmata li kienet inxurjata total loss u cioe jekk l-oggett jintilef totalment fit-tragitt. F'dan il-kaz ma ntilifx izda gratilha hsara tant li l-magna spiccat'beyond reapir'.

Is-socjeta' konvenuta Elmo Insurance tghid illi hi qatt ma trattat mal-attrici u kienet is-socjeta' C&C Express Ltd li offriet l-insurance.

In vista tal-fatt illi s-socjeta' konvenuta C&C Express Ltd ma spjegatx xi tfisser Total Loss u l-attrici spjegat illi hi qalet x'tixtieq bhala insurance u kellha tkun is-socjeta' C&C ExpressLtd li tara li dak li qed toffrilha kien jghodd ghaliha.

Is-socjetajiet konvenuti qalu illi  ma kienux jinxurjaw parti li diga kellhom il-hsara mod iehor pero dan qatt ma gie spjegat lil attrici ghalhekk it-Tribunal ihoss illi s-socjeta konvenut C&C Express Ltd naqset milli tghati dak mitlub minnha u offriet insurance li dehrilha minghajr ma spjegat lill-attrici.

Ghal dinir-raguni t-Tribunal jilqa' it-talb attrici limitatmanet ghall- disa' mija disgha u disghin ewro (€999) u filwaqt illi tillibera s-socjeta' konvenuta Elmo Insurance u tilqa' l-eccezzjonijiet taghha, tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' C&C Express Ltd u tikkundannha thallas l-ammont ta' disa' mija disgha u disghin ewro (€999) lill-attrici bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' C&C Express Ltd.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------